## 9 LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 38**

**It-Tnejn, 23 t' Awwissu, 2021**

Tkomplija tal-Laqgħa numru 37 li saret b'mod virtwali fit-23 t' Awwissu2021.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Stephen Sultana | Sindku |
| Is-Sur Gianluca Falzon | Viċi Sindku |
| Dott. Darren Carabott | Kunsillier |
| Is-Sur Kursten Dimech | Kunsillier |
| Is-Sa Courtney Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sur Joe Vella | Kunsillier |
| Is-Sur Silvio Vella | Kunsillier |

**ASSENTI b'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Ħadd

**ASSENTI:**
Ħadd

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**
Michael Mifsud — Deputat Segretarju Eżekuttiv

### 38.6 Korrispondenza

38.6.1 Is-Sindku talab sabiex iressaq g]ad-diskussjoni korrispondenza li ma jistgħux jistennew sa laqgħa oħra. Ma kienx hemm oġġezzjoni mill-Kunsilliera dwar dan.

38.6.2 Il-Ministeru g]all-Biedja, Sajd, l-Ikel u Drittijiet tal-Annimali qed jistiednu lill-Kunsilli Lokali għall-Animal / Human Awards. Wara diskussjoni kien hemm qbil sabiex tiġi nnominata s-Sja. Rommina Frendo f'dan ir-rigward. Kulħadd qabel dwar dan.

38.6.3 Is-Sindku rrimarka li l-ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv daqt tiskadi u għaldaqstant jeħtieġ li tiġġedded għal tlett xhur oħra. Kien hemm qbil unanimu ukoll dwar dan.

38.6.4 Rigward il-Wifi4U, ġejna infurmati li l-kaxxa trid tiġi installata fuq ġewwa u għaldaqstant il-Kunsill irid jidentifika l-postijiet huwa. Wara diskussjoni, kien hemm qbil sabiex għal:

- Triq il-Kbira San Ġużepp jiġu kkuntatjati l-għaqdiet, Istitut t'Apap u Dar San Ġużepp
- Akwata Ġuże Flores, jiġi kkuntatjat il-Kappillan bil-possibilta li titpoġġa fil-kunvent jew inkella tintuża l-kamra tad-decoder li hemm diġa ħdejn il-bandli
- Pjazza Franka, jiġu kkuntatjati Pascucci jew is-sid talBar tal-muturi
- Palazz l-Aħmar, jiġi kkuntatjat is-sid tas-Sweet Tooth
- Ġnien Romeo Romano, tista titpoġġa fuq naħa ta' ġewwa fejn hemm il-kmamar.

## 38.7 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

### 38.7.2 Draft MOU mal-Cleansing

Is-Sindku staqsa lill-membri jekk kienux qraw l-MOU mal-Cleansing li kien intbgħatilhom. Wara diskussjoni s-Sindki rrimarka li hu tal-fehma li ma' dan l-MOU għandu jiżdied li d-Dipartiment tal-Cleansing jinstalla fil-lokalita' Twin bins, ashtray pillars u dog bins. Oltre ġie ukoll propost sabiex l-art li għandha il-knsija fi Triq il-Parroċċa, tiġi mnaddfa kull 3 xhur. Ġie propost ukoll li l-Cleansing jimpenjaw ruhom fit-tindif matul il-ġranet tal-festa. Il-membri qablu mar-rimarki li poġġa is-Sindku.

Is-Sindku ppropona dan l-MOU hekk kif emendat filwaqt li s-Sur Joe Vella ssekonda lis-Sindku. Il-membri qablu unanimament.

### 38.7.3 Ġieħ / Mertu Santa Venera - proposti ta' tibdiliet

Is-Sindku informa lill-membri li dwar il-proposti fuq l-emendi li għandhom isiru fuq l-linji gwida tal-Ġieħ / Mertu Santa Venera, l-Kunsill irċieva proposti mingħand il-Kumitat Festi Esterni u mingħand il-Fondazzjoni Wirt Vendriz. Wara diskussjoni l-Membri b'mod unanimu qablu li għal din is-sena l-linji gwida għandhom jibqgħu kif inhuma. Ġie deċiz ukoll sabiex ikun skattat proċess ta' konsultazzjoni mal-għaqdiet dwar l-emendi li jkunu jridu jigu diskussa mill-Bord tal-Għażla u wara approvati mill-istess Kunsill. L-emendi li jsiru jidħlu fis-seħħ ghas-sena 2022. Il-Bord tal-Għażla jrid jikkonsulta mal-Għaqdiet rispettivi tal-Lokalita'.

### 38.7.4 Ingaġġ Skala 13 - Rakkomandazzjoni

Is-Sindku staqsa lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv dwar ir-rakkomandazzjoni. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri li kienet saret l-intervista sabiex ikun ingaġġjat Senior Clerk skala 13 fejn kien hemm kandidata waħda biss li applikat għal din il-pożizzjoni. Huwa kompla billi qal lill-membri li waqt l-intervista deher ċar li s-Sa Naomi Baldacchino kienet ippreparata tajjeb fejn infatti l-Bord qiegħed jirrakomanda sabiex is-Sa Baldacchino tingħata din il-pożizzjoni.

F’dan ir-rigward is-Sindku ppropona din ir-rakkommandazzjoni sabiex is-Sa Naomi Baldacchino tkun is-Senior Clerk Skala 13 filwaqt li is-Sur Silvio Vella ssekonda lis-Sindku u l-membri preżenti qablu unanimament

## 38.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta’ Kumitat u/jew Sotto Kumitati

F’din il-laqgħa ma ġewx preżentati rapporti tal-laqgħat ta’ kunitati jew sotto kumitati.

## 38.9 Kunsiderazzjonijiet u Approvazzjonijiet tal-Iskeda tal-Pagamenti

L-Iskeda tal-pagamenti u Petty Cash ġew diskussa u approvati fejn wara diskussjoni l-Kunsill qabel sabiex il-pagament ta’ Rokku Mifsud jinżamm minħabba l-fatt li l-knis fit-toroq ta’ Santa Venera mhux qiegħed isir hekk kif inhu stipulat fl-obbligi li huma mnizzla fl-istess tender.

Skeda ta’ pagament: Proponent: Is-Sur Silvio Vella u Sekondant: Is-Sur Gianluca Falzon.

## 38.10 Ilmenti

**38.10.1** Il-Kunsill iddiskuta l-ilmenti li hemm pendenti fis-sistema minn numru  558 sa 713.

| | |
|---|---|
| 558 | Transport Malta |
| 559 | Grima & Sons |
| 560 | Transport Malta |
| 561 | Grima & Sons |
| 562 | Ħaddiema Assenjati |
| 566 | Inġibu kwotazzjoni biex isir ix-xogħol |
| 569 | Work Order |
| 570 | Ma tistax issir għax art privata |
| 571 | Grima & Sons |
| 572 | Isir mill-Convenience Shop |
| 576 | Transport Malta |
| 581 | Ma tistax issir |
| 584 | Contracts Manager |
| 587 | Ma tistax issir |
| 588 | Ħaddiema Assenjati |
| 591 | Contracts Manager |
| 593 | Contracts Manager |
| 599 | Irid ikun hemm 6 ħwienet fil-viċinanzi |
| 604 | Contracts Manager |
| 605 | Grima & Sons |
| 607 | Grima & Sons |
| 608 | Irid ikun hemm 6 ħwienet fil-viċinanzi |
| 617 | Grima & Sons |
| 622 | Logo Grafix |

| | |
|---|---|
| 623 | Grima & Sons |
| 635 | Work Order |
| 636 | Ħaddiema Assenjati |
| 637 | Tansport Malta |
| 638 | Work Order |
| 640 | Mica Med |
| 641 | Works order |
| 655 | Infrastructure Malta |
| 656 | Ħaddiema Assenjati |
| 658 | Contracts Manager |
| 659 | Contracts Manager |
| 660 | Ħaddiema Assenjati |
| 661 | Mica Med |
| 668 | Ħaddiema Assenjati |
| 670 | Transport Malta |
| 676 | Contracts Manager |
| 677 | Infrastructure Malta |
| 683 | 1. Firem minghand ir-residenti li gejja quddiemhom<br>2. Grima & Sons |
| 692 | Transport Malta |
| 695 | Grima & Sons |
| 700 | Xogħol ser jitkompla |
| 708 | Contract Manager |
| 712 | Contract Manager |
| 713 | Ħaddiema assenjati |

## 38.11 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera

**38.11.1** Is-Sur Joe Vella staqsa lis-Sindku numru ta' mistoqsijiet liema tweġibiet qedgħin annessi mal-Minuti u mniżżlin bħala Dok. 'A'.

## 38.12 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa intemmet fit-8.15 pm u ġiet aġġornata għas-27 ta' Settembru 2021, fis-6.30pm

Stephen Sultana
Sindku

Michael Mifsud
Deputat Segretarju Eżekuttiv

Ikkonfermati llum 27 ta'Settembru, 2021